**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Ottubru, 2015

Rikors Nru : 158/15 AL

**A B**

**vs**

**C sive D B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrent, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewwgu fit-tmienja (8) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u disghin (1990), hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat hala Dokument 'A', u minn dan iz-zwieg kellhom bint wahda, R B illi twieldet nhar id-disgha ta' Lulju, 1992 u llum hija maggorenni, hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok. 'B'.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Pubbliku Dr Nathania Tabone LL.D., mill-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012), kopja ta' liema kuntratt qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'C'.

Illi fl-ewwel klawsola tal-kuntratt riferit, il-partijiet qablu li huma ilhom separti de facto sa minn Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u ghaldaqstant ilhom aktar minn erba' snin separati.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li l-partijiet ilhom erba` snin mifrudin.

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante li l-wild taghhom hija llum maggorenni u in oltre l-partijiet iddekadew definittivament ghal kull jedd taghhom li jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin u dan skont l-anness kuntratt ta' separazjoni personali principalment il-klawsola numru 5.

Illi skont il-klawsola numru 6 C tal-anness kuntratt ta' separazzjoni personali, id-dar matrimonjali kellha tinbiegh fuq is-suq u effettivament din id-dar inbieghet lil certu Alexandra Grima (KI numru 169589M) nhar it-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) fl-atti tan-Nutar Dr Andre Farrugia LL.D., kopja ta' liema kuntratt qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'D'.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksieb tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimat ghid ghaliex li din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fit-tmienja (8) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u disghin (1990) bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' April, 2015;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta' Frar 2012, izda ilhom de facto separati minn Dicembru 2010;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.